II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

IL-PARLAMENT EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004, Sezzjoni III – Kummissjoni

(2006/808/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet finali tal-Komunitajiet Ewropej – Sena Finanzjarja 2004 – Volum I – Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u rendikonti finanzjarji konsolidati (SEC(2005)1158 – C6-0352/2005, SEC(2005)1159 – C6-0351/2005) ([2]),

— wara li kkunsidra ir-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu tad-Deċiżjonijiet ta' Kwittanza 2003 (COM(2005)0449, COM(2005)0448) u l-karta ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni – Anness għar-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar is-segwitu tad-Deċiżjonijiet ta' Kwittanza 2003 (SEC(2005)1161),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Sinteżi 2004" (COM(2005)0256),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni għall-Awtorità tal-Kwittanza dwar Verifiki Interni mwettqa fl-2004 (COM(2005)0257),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-mudell ta' 'Verifika Waħda' (u proposta għal qafas Komunitarju ta' kontroll intern) ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2005 dwar pjan għal qafas integrat ta' kontroll intern (COM(2005)0252),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Qorti ta' l-Awdituri – Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal Qafas Integrat ta' Kontroll Intern (COM(2006)0009),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja 2004 u kif ukoll ir-rapporti speċjali akkumpanjati bir-risposti ta' l-istituzzjonijiet verifikati ([4]),

— wara li kkunsidra DAS għall-affidabilità tal-kontijiet u għal-legalità u għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduti mill-Qorti ta' l-Awdituri skond l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([5]),

([1]) ĠU L 53, 23.2.2004.
([2]) ĠU C 302, 30.11.2005, p. 1.
([3]) ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.
([4]) ĠU C 301, 30.11.2005, p. 1.
([5]) ĠU C 302, 30.11.2005, p. 100.

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5971/2006 – C6-0092/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE u l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitati l-oħra konċernati (A6-0108/2006),

A. billi skond l-Artikolu 274 tat-Trattat KE l-Kummissjoni timplimenta l-baġit fuq ir-responsabbiltà tagħha nnifisha, filwaqt li għandha tqis il-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju sod,

1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004;

2. Jagħti l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Bank Ewropew għall-Investiment u lill-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' verifika ta' l-Istati Membri u sabiex jippubblikahom *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (Serje L).

Il-President — *Is-Segretarju Ġenerali*

Josep BORRELL FONTELLES — Julian PRIESTLEY

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.